FGURA

Minuti tal-laqgħa (laqgħa urġenti) numru disgħa u erbgħin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.DeGiovanni |
| **Kunsillieri**: | Is-Sur M Lombardo<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R Cutajar<br>Is-Sur P Dalli |
| **D/Segretarju:** | Is-Sur P. Massa |

Is-Sur C Bonello kiteb lill-Kunsill fejn talab li jkun skużat mil-laqgħa minħabba xogħol filwaqt li s-Sur A Debono talab li jkun skużat mil-laqgħa minħabba li kien imsiefer.

Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk approva li dawn jiġu skużati għal-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Tenders

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa urġenti ta' llum issejħet sabiex jiġu aġġudikati l-offerti għat-Twaqqiegħ tal-postijiet fejn ser jinbena l-Uffiċċju l-ġdid kif ukoll l-offerta għas-servizz tal-*Upkeep of Traffic Signs u Road Markings*.

1.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu daħlu tliet offerti għall-kuntratt *Demolition and Excavation Works at New Fgura Local Council Premises*. Is-Sur S Camilleri, *Chairperson* tal-Kumitat tal-Għażla maħtur mill-Kunsill qara r-rapport u rakkomandazzjoni tal-istess Kumitat. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3050/11/6 "Sabiex jiġi approvat ir-rapport anness". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

MAYOR, VICEMAYOR, Councillors & Dep S.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R. Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3050/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

1.02 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu daħlu tliet offerti għall-kuntratt *Maintenance of Traffic Signs and Road Markings*. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li meta ġew evalwati r-rati tal-offerti li daħlu, jirriżulta li l-orħos prezzijiet tal-*items* li juża l-aktar il-Kunsill kienu dawk offruti mill-Kumpanija Koptasin. Ġie nnotat ukoll li l-Kunsill diġa kien uża s-servizzi ta' din il-Kumpanija fil-passat, liema servizzi kienu sodisfaċenti. Wara li saret diskussjoni, s-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3051/11/6 "Sabiex dan il-Kunsill jaċċetta lil Koptasin għal RMS-17-11 peress li hija l-aktar vantaġġjuża". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur S Camilleri, Sinjura R. Cutajar.
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3051/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.36p.m.

Sindku

D/Segretarju